MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 1894/1998/1

Avviz Nru:-1894/98DM

Michael Attard

Vs

Emanuel Schembri u b'digriet tal-24 ta'Ottubru 2001 stante il-mewt tal-konvenut Emanuel Schembri il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' John, Audrey Ann mart Joseph Sciberras u Noel ahwa Schembri ulied u eredi tal-konvenut

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa responsabbli illi jirritorna il-mutur tal-bahar 25h.p. (hamsa u ghoxrin horse power) tal-marka

‘Mercury’ konsenjat lilhu mill-attur ghal skopijiet ta’ ‘servicing’, jirritorna l-imsemmi mutur lill-attur fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilhu prefiss, u in mankanza jhallas lill-attur il-valur gust u reali tal-istess mutur Mercury illi jigi iffissat okkorrendo ad opera ta’ perit nominand.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Gunju 1998 kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet tal-kompetenza jigi dikjarat illi l-valur ta’ dan il-mutur ma jeccedix l-elf liri Maltin (Lm1,000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Schembri fejn eccepixxa illi :

1 Id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi l-esponenti bl-ebda mod huwa responsabbli jirritorna l-mutur imsemmi fic-citazzjoni stante li dan insteraq mill-garaxx tal-esponenti flimkien ma’ diversi oggetti ohra proprjeta kemm tal-esponenti kif ukoll ta’ terzi f’serqa li giet irrappurtata lill-Pulizija li ghalkemm solviet parti minnha, l-mutur in kwistjoni baqa’ ma giex rikoverat;
2 Ghalhekk stante illi l-konvenut dejjem agixxa ta’ bonus paterfamilias meta gie lilu mghoddi l-mutur in kwistjoni ghat-tiswija mill-attur, ir-responsabbilta’ ghat-telf tal-mutur taqa’ fuq is-sid skond il-principju res perit domino.
3 Salvi kull eccezzjoni ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; uIkkunsidrat:-

Ma tirrizulta ebda kontestazzjoni dwar il-fatt ippruvat illi f’Novembru 1997, l-attur, kif kien regolament jaghmel, kien iddeposita ghand il-konvenut il-mutur tal-bahar tal-marka ‘Mercury’ ta’ sahha ta’ hamsa u ghoxrin (25) ‘horse

power' sabiex il-konvenut jaghmel xoghol ta' 'servicing' u manutenzjoni generali fuq l-istess mutur.

Jirrizulta ukoll illi meta l-attur kien, ghall-habta ta Jannar 1998, indaga sabiex jigi nfurmat jekk il-mutur kienx lest mis-'servicing' u seta' jingabar, huwa gie nfurmat mill-konvenut illi l-mutur ma kienx ghadu fil-pussess tieghu ghaliex kien insteraq minn terzi persuni.

Mid-deposizzjoni ta' l-attur ma jirrizultax illi huwa kien gie intimat f'xi zmien precedenti mill-konvenut illi huwa seta' jghaddi biex jigbor il-proprjeta' tieghu ghaliex x-xoghol kien lest. Anzi jirrizulta illi kien l-attur stess illi f'Jannar kien cempel lill-konvenut biex jivverifika jekk ix-xoghol kienx tlesta u l-mutur kienx lest ghall-konsenja.

Ghalhekk jirrizulta prima facie illi huwa obbligu tal-konvenut illi jirritorna dan l-istess mutur lil sidhu almenu fl-istess stat illi fih kien gie ddepositat ghandu. Izda minn naha tieghu l-konvenut qieghed jecceppixxi illi l-mutur in kwistjoni gie effettivament misruq fil-bidu tas-sena 1998, u ghal dan l-accident huwa ma ghandu l-ebda responsabbilita' u invfoka favur tieghu fl-artiklu 1901 tal-Kodici Civili illi jipprovdi hekk:
Id-depositarju ma jwiegeb qatt ghall-accidenti li jigu b'forza magguri hlief jekk ikun gie mqieghed in mora ghar-radd tal-haga depositata. Lanqas ma jwiegeb f'dan l-ahhar kaz, jekk il-haga kienet tispicca xorta wahda li kieku kienet tinsab ghand id-depositant.

Ghalhekk jispetta li l-konvenut u l-eredi tieghu li jippruvaw illi s-serq tal-mutur kienet xi haga accidentali li tista' tigi ekwiparata ghal forza magguri, u li huma kienu ezercitaw il-kura u prekawzjonijiet ta' bonus pater familias, u ma kienux b'xi mod tardivi fir-radd lura lis-sid tal-haga ddepositata.

Evidentement biex isir 'general servicing' u 'maintenance' ta' mutur bhal dak in ezami ma kienx jinhtieg izjed minn xi tlett (3) ijiem xoghol u ghalhekk wiehed ghandu jipprezumi

illi ferm qabel Jannar, 1998, ix-xoghol fuq dan il-mutur kien diga’ lest u kien qed jistenna biss illi jigi moghti lura lill-attur. Ghalhekk kif tlesta x-xoghol il-konvenut kien qieghed 'in mora' bl'obbligu fuqhu li da parti tieghu jinforma mill-ewwel lis-sid li l-oggett kien issa a disposizzjoni tieghu. Dan qed jinghad ghaliex kien sottointiz li l-konsenja lura lis-sid ma kienx a kariku tal-konvenut.

Ghaldaqstant jispetta lill-konvenuti illi jippruvaw illi il-mora fir-radd tal-mutur lura lis-sid kienet dovuta ghal nuqqas ta’ l-istess attur u mhux nuqqas tal-konvenut Emanuel Schembri.

Il-provi tal-konvenuti f’dan ir-rigward jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni ta’ John Schembri, bin il-mejjet konvenut Emanuel Schembri, illi allega illi effettivament il-mutur kien diga’ lest ghall-konsenja sa minn qabel Jannar, 1998, u izda kien l-attur illi naqas illi jiehu konsenja tal-proprjeta’ tieghu.

L-istess John Schembri jallega illi l-avvizi lill-attur kienu jinghataw permezz ta’ telefonati jew permezz ta’ xi messagg ma’ xi persuna illi kien jaf l-attur. Izda ma setghax jghid kemm il-darba inghata avviz lill-attur u f'liema zminijiet kienu saru l-komunikazzjonijiet mieghu.

Din id-deposizzjoni waheda ma tistax tezenta lill-konvenuti mir-responsabbilita’ ghall-oggett ta’ l-attur depositat ghandu, billi mat-terminazzjoni u tlestija tax-xogholijiet ir-raguni ghad-depositu spiccat u l-konvenut kien qieghed izomm il-proprjeta’ ta’ l-attur issa ghar-riskju tieghu, u kellu jiehu passi iktar serji minn messaggi ma’ terzi persuni biex jissollecita lill-attur biex jigbor hwejgu u biex b’hekk jezimi ruhu mir-responsabbilita’.

Ghaldaqstant issib illi l-konvenut huwa tenut risponsabbli ghan-nuqqas ta’ l-oggett iddepositat ghandu, u, billi l-mutur illum huwa mitluf u ma jistghax jigi kkonsenjat, il-Qorti trid tghaddi biex tiffissa l-valur gust u reali ta’ l-istess mutur li ghalih il-konvenut jew l-eredi tieghu jridu jaghmlu tajjeb.

Fin-nuqqas ta’ nomina ta’ espert tekniku ghall-iskop ta’ valutazzjoni billi ma saret ebda talba ghal daqshekk mill-partijiet waqt il-procediment, il-Qorti ser tghaddi biex tistabilixxi l-istess valur gust u reali 'arbitrio boni viri' u tenut kont li dan il-mutur gdid kien jiswa madwar elf lira Maltin (Lm1000), u tenut kont ukoll tad-deprezzament rapidu ta’ magni tax-xorta tal-mutur in kwistjoni stante li jintuzaw fuq il-bahar fejn il-korrozjoni tkun iktar rapida, izda tenut kont ukoll tal-kura serja l- l-attur kien jiehu ta’ l-istess mutur billi jirrizulta illi kien kull sena regolarment jibghatu ghand il-konvenut biex itih ‘general service’ kif suppost, il-Qorti qeghda tistabbillixxi l-valur gust u reali tal-mutur ta’ l-attur fis-somma ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) u konsegwentement, fil-waqt li tilqa t-talbiet attrici, qieghda tikkunndanna lill-konvenuti, ghar-ragunijiet indfikati fl-avviz, sabiex ihallsu lill-attur din is-somma ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400).

Bl-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------